

It-Tlieta, 2 ta' Settembru 2008

## **L-istabbiliment tal-programm “Ewropa għaċ-Ċittadini” għall-perjodu 2007-2013 li jippromwovi ċittadinanza Ewropea attiva \*\*\*I**

P6\_TA(2008)0371

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-2 ta' Settembru 2008 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 1904/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-programm “Ewropa għaċ-Ċittadini” għall-perjodu 2007-2013 li jippromwovi ċittadinanza Ewropea attiva (COM(2008)0059 — C6-0060/2008 — 2008/0029(COD))

(2009/C 295 E/27)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2008)0059),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikoli 151 u 308 tat-Trattat KE, skond liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0060/2008),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A6-0275/2008),
1. Japprova l-proposta mill-Kummissjoni kif emendata;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

### **P6\_TC1-COD(2008)0029**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-2 ta' Settembru 2008 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva Nru .../2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 1904/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-programm “Ewropa għaċ-Ċittadini” għall-perjodu 2007-2013 li jippromwovi ċittadinanza Ewropea attiva**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari jaqbel mal-att leġiżlattiv finali, id-Deċiżjoni Nru 1358/2008/KE.)*

---